# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 09

24 ta' Frar, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-18.14

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Agent Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 09

9.1Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji

9.2Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 08

9.3Komunikazzjoni mis-Sindku

9.4 Attivitajiet

9.5 Mistoqsijiet mill-kunsillieri

9.6 Komunikazzjoni mis-Segretarja Eżekuttiva

9.7 Ilmenti u suġġerimenti

9.8 Approvazzjoni tal-pagamenti

9.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

9.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 08

9.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.08 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mill Agent Segretarja Eżekuttiva.

## 9.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

9.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal li x-xogħlijiet fuq il-*playing field* għadhom ma bdewx, dan għall-fatt li l-kuntrattur li rebaħ it-*tender*, qed jabdika mill-obbligi li hemm miktubin fit-*tender* maħruġ. Il-kunsill bagħat ittra reġistrata il-qorti ndirizzata lill-kuntrattur in kwistjoni,permezz ta' l-avukat tal-kunsill. Is-sindku kkonferma li l-kunsill għadu ma rċiviex tweġiba lura minn naħa tal-kuntrattur. Din hija sitwazzjoni nkwetanti, anki għall-fatt li hemm *issues* ta' saħħa u sigurta', barra d-dewmien eċċessiv li jibda l-proġett li kien imħabbar xhur ilu. Il-kunsill qed jirċievi kritika kontinwa fuq dan id-dewmien, kif ukoll, kif ikkonfermat is-segretarja eżekuttiva, l-kunsill irċieva PQs biex jiġu mwieġba. Għal dan il-għan, is-sindku qed jissuġerixxi , anki wara li jieħdu pariri legali, li l-ewwel offerent li rebaħ it-tender jitwaqqa, u t-tender ikun aġġudikat lit-tieni offerent. Il-kunsilliera qablu unanimament ma' din il-proposta.

9.3.2 Marbuta ma' l-attivitajiet marbuta mal-karnival, is-sindku semma li għal dawn il-ġranet, id-dawl li hemm ma' l-isem 'Ta'Sannat' qed jinxtegħel b'ħafna kuluri. Is-sindku qal li jekk ikun

hemm persuni li jsaqsu lill-kunsilliera għaliex dan il-kulur ta' dawl, huma jkunu jafu għaliex id-dawl qed ikun b'ħafna kuluri.

9.3.3 Fuq Triq Paranji, l-kunsill irċieva kritika minħabba xi *potholes* fl-asfaltar ta' l-ewwel kisja ta' din it-triq. Il-perit tal-kunsill huwa tal-parir li jħallu t-triq tinxef. Mil-bidu nett il-kunsill kien ta' l-opinjoni li tingħata l-ewwel kisja tarmac u jaraw fejn ikun qed iżomm l-ilma eċċ. Is-sindku qal li jirriżulta li dik il-*pothole* li hemm fit-triq, il-perit ikkonferma, li dawn l-inkonvenjenti nqalgħu għax xħin il-karozzi jiġu biex jidħlu fil-garaxxijiet, il-moviment tat-*tyres* iduru jkun qed jaqla' t-tarmak. Ġara wkoll, li xħin taw l-ewwel kisja tarmak għamlet ix-xita ftit ħin wara u sfortunatament għaddew xi karozzi mill-ewwel minn din it-triq. Il-perit qed jirribatixxi li mhemmx lok għal-alarm u l-kunsilliera qablu li l-perit huwa responsabbli u huwa l-persuna li jiċċertifika x-xogħol. Il-kunsilliera qablu, li jkun hemm kommunikat mill-kunsill fuq il-mezzi soċjali biex jagħtu spjegazzjoni ta' din il-kritika minn xi residenti.

9.3.4 Fuq Triq Xamgħan, il-kunsill għamel laqgħa mal-kuntrattur. Bħalissa l-kuntrattur, qed jagħmel xi xogħlijiet tal-*Water Services* marbuta mal-konnettivita tal-ġibjun il-ġdid u l-ġibjun il-qadim. Il-kuntrattur qal, li kemm jista' jkun malajr se jaħdem fuq Triq Xamgħan billi jqaxxar it-triq biex kemm jista' jkun ma żżommx għadajjar tax-xita u jitnaqqas iċ-ċaflis. Is-sindku tkellem mal-kuntrattur u saħaq li minn barra l-kunsilliera, residenti ta' din it-triq kif ukoll nies li jiffrekwentaw din it-triq qed isaqsu meta din it-triq se tingħata l-asfaltar. Il-kuntrattur wiegħed, li x-xahar li ġej, se jiġi u jqaxxar it-triq, isir il-*concrete gutter* u eventwalment tingħata l-ewwel kisja tarmac.

9.3.5 Rigward ix-xogħlijiet marbuta mal-kalkara tal-Ġir, is-sindku kkonferma li minn naħa ta' l-SCH, dawn taw l-approvazzjoni biex tinqala' l-parti ta' quddiem għalissa. In-naħa ta' wara, s'issa ma kienx hemm approvazzjoni minn naħa ta' l-SCH, probabilment għax iridu jagħmlu xi testijiet. Is-segretarja eżekuttiva staqsiet lill-perit, x'inhi r-raġuni għaliex il-ġebel tan-naħa ta' wara mhumiex immarkati biex dawn ikunu jistgħu jinqalgħu, bir-risposta tkun li qed jieħdu ħsieb huma. Is-sindku saħaq li peress li l-kalkara tal-Ġir hija protetta, ma jistgħux jinqalgħu u jinbidlu ġebel jekk ma jkunx hemm l-approvazzjoni minn naħa ta' SCH. Il-kunsilliera Cassar Sultana qalet, li huwa mportanti li ċertu informazzjoni toħroġ fuq il-media soċjali, dan għal-fatt li r-residenti jistaqsu u anki joħorġu ċertu spekulazzjonijiet mhux veritiri. Is-sindku qal, li l-kunsill qed jaħdem qatigħ, u kemm jista' jkun jixtieq li jitlesta dan il-proġett, peress li qabel ma jkun lest dan il-proġett, l-kunsill ma jkunx jista' japplika għall-fondi oħrajn, fosthom li jinxtara trakk biex ikun jista' jintuża mill-ħaddiema tal-kunsill u anki wkoll jkun jista' jintuża mill-għaqdiet tar-raħal u l-kommunità.

## 9.4 Attivitajiet

9.4.1 Is-sindku għamel referenza għal-attivitajiet li ġejjin fil-jiem li ġejjin.

9.4.2 It-tlieta (3) ta' Marzu se jittella' l-attivita' tal-karnival fil-pjazza Santa Margerita, attivita' li tibda dritt wara l-quddiesa tas-sitta (6) ta' flgħaxija. Il-banda Santa Margerita tiftaħ is-serata b'daqq ta' marċi, biex imbagħad ikun hemm is-sehem ta' diversi għaqdiet taż-żfin, maskli grotteski u karrijiet. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li żewġ kumpanija taż-żfin ċemplu

l-kunsill, fejn ilmentaw li l-kunsill m'għamilx kuntatt magħhom. Is-sindku qal, li bħala kunsill ġew ikkuntatjati kull kumpanija li wriet interess li tieħu sehem, u għalhekk x'aktarx li l-kunsill ipprova jagħmel kuntatt magħhom, pero' dawn ma weġbux it-telefonata. Is-sindku qal, li l-kunsill se jimxu mal-budget li għandu u għalhekk dawk il-kumpaniji li talbu somma kbira biex jieħdu sehem, ma ġewx aċċettati.

9.4.3 Se jsir il-Ħarġa għal-anzjani marbuta ma' Jum il-Mara li se jsir fis-sitta (6) ta' Marzu. L-anzjani ser imorru fil-knisja ta' Nazzarenu x-Xagħra, fejn hemmhekk ukoll ser jingħataw ukoll ftit informazzjoni fuq din il-knisja. Wara se jkun hemm ftit refreshments fil-każin tal-banda ta' l-istess raħal tax-Xagħra.

9.4.4 Il-Dramm bl-isem 'Ġuda l-Iskarjota', li ser jittella' fis-sitta (6) t'April, fejn bħalissa għaddejjin it-tħejjijiet neċessarji.

9.4.5 Jum Sannat, is-Sibt sitta u għoxrin (26) t'April, se tittella fi pjazza Santa Margerita, dejjem jekk it-temp ikun jippermetti. Ser joħorġu n-nomini għaż-żgħażugh jew żgħażugħa tas-sena kif ukoll il-Premju Ġieh Sannat u din l-informazzjoni ser titqassam fir-raħal kollu. Il-kunsill ser jilqa' nomini sa' l-aħħar ġimgħa ta' Marzu, biex imbagħad il-kunsillieri jistew jevelwaw in-nomini mitfugħa u jintgħażel ir-rebbieħa ta' din is-sena.

9.4.6 Fit-tlieta(3) ta' Mejju imbagħad ser isir il-wine Festival.

## 9.5 Mistoqsijiet mill-kunsillieri

9.5.1 Il-kunsilliera Galea staqsiet jekk baqax xi xogħlijiet li baqa' isiru marbuta mal-proġett tal-pjazza. Is-sindku kkonferma li baqa' xi xogħlijiet marbuta maz-zuntier kif ukoll irid isir excavation biex ikunu jistgħu jitpoġġew il-ħġieġ eżatt taħt iz-zuntier eżattament fuq il-ġibjuni li nstabu fil-pjazza. Is-segretarja eżekuttiva semmiet ukoll li baqa' xi pagamenti li jridu jsiru. La qed tissemma l-pjazza, is-sindku qal li ġie kkuntattjat minn xi sidien ta' post fil-pjazza, eżattament jiġi wara s-siġra l-kbira, peress li ser isiru xi xogħlijiet fuq il-post imsemmi u għandhom bżonn li tinqala' xi għamara li hemm fil-pjazza u anki xi bollard tad-dawl. Is-sindku qalilhom li bħala kunsill ma jistgħx iżommuhom milli jagħmlu x-xogħlijiet maħsuba, pero' se jkunu viġilanti biex ma jkunx hemm ħsarat u anki li tinżamm l-indafa.

## 9.6 Komunikazzjoni mis-segretarja eżekuttiva

9.6.1 Is-segretarja eżekuttiva qalet li peress li kienu ristretti fil-ħin ġew approvati minn naħa tal-kunsilliera permezz ta' l-imejl, l-*Annual report* u l-*financial statements*.Il-kunsill irċieva rakkomandazzjoni li għandha x'taqsam ma' finanzi, kollox permezz ta' imejl, ġew approvati u ntbagħtu. Il-*Quartely financial Report* ġie approvat ukoll, kif ukoll l-*Quartely Annual budget* tas-sena l-oħra, minn naħa tal-kunsilliera permezz ta' l-imejl u ntbagħtu.

9.6.2 Il-bozoz li saru permezz tal-proġett tal-pjazza, mhumiex koperti bl-ebda *maintenance agreement*, u hekk kull tip ta' *maintenance* irid jitħallas minn naħa tal-kunsill. Is-sindku qal li jridu jiċċekkjaw kif ħareġ it-*tender*, għax x'aktarx hemm numru ta' snin li l-*maintenace* hija responsabiltà tal-kuntrattur. Is-segretarja eżekuttiva ser tiċċekkja u taġġorna lill-kunsilliera fil-laqgħa li ġejja.

9.6.3 Il-ħaddiema tal-kumpanija li għandhom il-*maintenance agreement* tal-lift fil-binja tal-kunsill, sabu li hemm xi affarijiet li jridu jinbidlu, bi spiża ta' ħames mija u disgħa u għoxrin ewro (€529). Il-kunsilliera approvaw din l-ispiża u għalhekk ser jitħallas depożitu biex imbagħad jiġu ordnati dawn il-*parts* u jinbidlu.

9.6.4 Is-segretarja eżekuttiva qalet, li bħas-soltu qed tibgħat iċ-ċirkularijiet li qed tirċievi. Għamlet referenza għaċ-ċirkulari maħruġa mid-DLG 2025, eżattament ċirkulari bin-numru SPI/SCI/O2/2025 rigward attivitajiet li jistgħu jittellgħu għall-aħħar ta' din is-sena (2025) u l-bidu tas-sena d-dieħla (2026) fosthom il-*Christmas Event* u l-Karnival tas-sena d-dieħla. Il-kunsilliera qablu li għandhom japplikaw għal dawn il-fondi.

9.6.5 Kumpanija tal-*films* qed titlob in-*no objection* minn naħa tal-kunsill biex jinħadem film fi Mġarr ix-Xini, f'Marzu. Il-kunsill irċieva wkoll imejl mingħand din il-kumpanija li għall-fini tal-film iridu jiżbħu xi ċint kif indikat permezz ta' ritratt mehmuż ma' l-imejl, biex imbagħad jerġa jinżebaħ bil-kulur oriġinali ta' bħalissa. F'imejl oħra, bagħtu liema toroq ser jkunu magħluqin, però irrimarkaw li resident u raħħala/bdiewa se jkollhom aċċess il-ħin kollu. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li fl-aħħar imejl ġie kkupjat fl-imejl *abelachristian@gov.mt*. Is-sindku qal, li meta jkun hemm talba għal dawn il-produzzjonijiet, il-kunsill jitlob donazzjoni mingħand il-kumpanija konċernata. Il-kunsill se jitlob ukoll il-ħinijiet ta' xhin ser isir il-filming u jimmarkaw liema partijiet se jkunu magħluqa waqt il-produzzjoni. Il-kunsilliera qablu, li se tintalab is-somma ta' €5,000, liema somma, se tintuża biex isir ix-xogħlijiet ta' *upgrading* li jsir kull sena f'Mġarr ix-Xini.

9.6.6 Kif ġie msemmi fil-laqgħa preċedenti, kien hemm xi varjazzjoni fil-pagamenti ta' l-*Animal Steward*, fejn ġew iċċekjati l-pagamenti lura mis-sena 2022 meta beda l-kuntratt. Instab li fl-2022, l-*animal steward* ħa €402 inqas, fis-sena 2023 ħa €603 inqas u fis-sena 2024 ħa €553 iktar. Hekk jirriżulta li l-kunsill għandu jagħti is-

somma ta'€453 biex jirrifletti l-kuntratt li kien hemm. Il-kunsilliera qablu li għandha tingħata din is-somma €453 fil-pagament li jmiss.

9.6.7 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill rċieva żewġ kontijiet tal-perit marbuta mal-proġett tal-*playing field,* wieħed mat-tender preżenti u l-ieħor mal-proġett propost għal-futur. Is-sindku qal, li dan il-proġett jinkludi il-ġibjun, l-parkeġġ u l-playing field fuq. Il-kunsill għaddej diskussjonijiet ma' Project Green fil-Ministeru ta' Miriam Dalli, u għalhekk huwa mportanti li l-kunsill jkollu l-BOQ's f'idejh. Is-sindku kompla billi qal, li r-rapport tal-botanista jindika li ħafna mis-sigar mhumiex protetti u għalhekk ma jkunx hemm diffikultà biex dawn jinqalgħu. Il-*parking* huwa essenzjali peress li l-popolazzjoni ta' Sannat kibret, barra li qiegħed qrib l-iskola, l-grawnd u klabb tal-boċċi. Is-sindku ser jibgħat il-pjanta lill-kunsilliera permezz tal-*whatsapp*. Dawn iż-żewġ kontijiet jammontaw is-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000). Mingħajr dawn il-BOQs ma jistgħux ikunu proposti ta' possibiltà ta' fondi. Is-sindku saħaq li billi il-*location* jinsab bejn erbgħa toroq traffikużi, huwa mportanti speċjalment għas- saħħa u sigurtà tat-tfal. Il-kunsilliera qablu li dawn l-*invoices* għandhom jgħaddu għall-pagament.

9.6.8 Is-segretarja eżekuttiva semmiet ir-*ratification* tal-minuti marbuta ma' *claim* 8 li tittratta ħlasijiet tal-perit rigward ix-xogħol ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita, li kienet imniżżla fil-minuti ta' qabel. Din ir-*ratification* saret u intbagħtet lid-direttur. Fil-fatt, illum stess, il-kunsill ċempel lid-direttur, però ma kienx disponibbli. Is-sindku ser jipprova jikkomunika mad-direttur biex ifakkru jagħti l-approvazzjoni.

9.6.9 Il-kunsill rċieva ittra mingħand avukat għan-nom ta' xi resident fi Triq Palozza Palina, rigward l-inkonvenjent li qed iħabbtu wiċċhom marbuta max-xogħlijiet fit-triq u qed iżommu l-kunsill responsabbli għad-danni li jista' jkun hemm. Il-kunsill bagħat din l-ittra lill-avukat tal-kunsill, però s'issa ma kienx hemm l-ebda feedback minn naħa tiegħu. Li hu żgur hu, li dan hu proġett tal-korporazzjoni ta' l-ilma u l-kunsill ftit jista' jidħol fiha, għajr kif qed isir li jsusu wara l-kuntrattur biex kemm jista' jkun ma jħallix inkonvenjenti.Is-sindku kkonferma li kemm il-darba kellmu lill-kuntrattur biex anki jaħsel it-triq wara ċertu xogħlijiet. Il-kunsill spjega wkoll kemm il-darba lir-residenti li dan id-dewmien qiegħed ikun karaterizzat minn problemi li nstabu waqt ix-xogħlijiet. Il-kunsill ser jistenna r-risposta ta' l-avukat tal-kunsill biex ikunu jistgħu jibagħtu t-tweġiba lill-avukat ta' dawk ir-residenti. Is-segretarja eżekuttiva semmiet ukoll, li l-kunsill irraporta xi żewġ *potholes* f'din it-triq permezz tas-sistema tal-ministeru.

9.6.10 Is-segretarja eżekuttiva qalet li kien hemm ix-xewqa li jerġħu jitpoġġew *bollards* tal-ġebel quddiem iz-zuntier, kif eżattament kien hemm qabel. Dawn il-*bollards* – tmienja b'kollox s- er jiġu jiswew tmien mitt ewro (€800) l-waħda, u jiddependi jekk hemmx fondi biżżejjed biex dawn isiru. Il-kunsilliera approvaw unanimament dejjem jekk hemm fondi biżżejjed.

9.6.11 18.52 il-laqgħa ġiet sospiża minħabba problema teknika fis-sound.

9.6.12 18.54 il-laqgħa tkompliet wara li ġiet solvuta l-problema teknika.

9.6.13 Is-segretarja eżekittiva ġabret kwotazzjoni biex tinżebaħ dik il-biċċa zoklatura li hemm f'waħda mit-turġien tas-salib. Il-kwotazzjoni tammonta għal erbgħa u tletin ewro (€34), però mhux se jiġi għal dik biss minn Malta, u se jiġi meta jkollu xi xogħol ieħor Għawdex. Din il-kwotazzjoni ġiet approvata.

9.6.14 Il-kunsill rċieva komunikazzjoni mid-direttur tad-DLG marbuta rigward l-issue li qamet fil-kunsill rigward ħlasijiet ta' permessi u depożitu li jsiru b'mod virtwali. Id-direttur ikkonferma li s-sistema hija *available* u trid tintuża. Is-segretarja eżekuttiva tkellmet mal-ħaddiema tal-kunsill biex ikellmu lil tal-*permits* dirett biex l-*issue* tiġi solvuta. Illum stess, intbagħtet reminder biex jaraw din l-issue ġietx solvuta u il-kunsill ikun jista' jagħti *update* lid-direttur. Is-sindku qal, li fid-dinja tal-illum huwa mportanti għax dan is-servizz huwa disponibbli.

9.6.15 Is-segretarja eżekuttiva talbet lis-sindku biex issir laqgħa mal-*project manager* tal-proġett tal-pjazza rigward xogħlijiet pendenti u pagamenti. Din il-laqgħa se tiġi skedata u ser tkun b'mod virtwali. Is-segretarja eżekuttiva semmiet ukoll li kemm il-botanista kif ukoll xi persuni qed jirrimarkaw li s-siġar u l-pjanti li qed jitħawwlu ġol-pots qed imutu. Dan għal-fatt li li l-pot ta' barra ma fihiex toqob biex ikun jista' jgħaddi l-ilma. Is-segretarja eżekuttiva qalet li t-tree specialist għandu sistema kif jista jtaqqab toqob zgħar biex hekk ikun jista' jgħaddi l-ilma. Il-kunsilliera taw l-approvazzjoni tagħhom.

9.6.16 Għalqet it-*tender* ta' l-inġinier, li kien hemm tliet offerenti. Il-bord se jkun kompost minn sindku jew viċi sindku bħala president tal-bord, l-inġinier (dejjem jekk jaċċetta) kif ukoll l-avukat u l-accountant.

9.6.17 Is-segretarja eżekuttiva talbet lis-sindku biex jagħti aġġornament rigward il-laqgħa tar-reġjun t'Għawdex. Is-sindku qal, li għal l-aħħar laqgħa ġie mistieden is-sur Daniel Cilia li tkellem fuq l-proġett ta' Chambray u ħeġġeġ lill-kunsillieri biex jidħlu parti mill-*objection* ta' dan il-proġett propost. Il-problema hija li l-iżvilupatur qed jgħid mod, waqt li s-sur Daniel Cilia qed jgħid il-verzjoni tiegħu. Bħala kunsill ta' Sannat ma ħax pożizzjoni bħal kunsilli oħra, għajr tnejn. Is-segretarja eżekuttiva se tibgħat imejl bil-korrispondenza li ntbagħtet mingħand l-iżviluppatur.

9.6.18 Minn naħa tar-reġjun, marbuta mal-*European Capital of Culture 2031*, is-segretarja eżekuttiva qalet li bagħtet imejl b'*seminars* jew *training* marbuta ma' din l-inizjattiva, li jistgħu ikunu nteressanti għal-kunsilliera biex jipparteċipaw.

9.6.19 Il-*Bank of Valletta* reġa' bagħat reminder biex tinżebaħ l-art quddiem il-bank, bil-kunsill jibgħat *reminder* lil min se jiżbogħ l-art.

9.6.20 Fuq it-*traffic management*, s'issa ma kienx hemm risposta minn naħa ta' *Transport Malta*. Is-sindku qal li ntbagħtet emejl biex jaraw dan it-*traffic management* fuq il-post fis-sebgħa u għoxrin ta' Frar. Is-sindku qal lill-kunsilliera li kull min hu interessat li jagħti l-opinjoni tiegħu jew suġġeriment, huwa mistieden biex jattendi din il-laqgħa. Is-sindku se jibgħat l-imejl lill-kunsilliera li rċieva rigward din il-laqgħa bid-data u l-ħinijiet.

9.6.21 Il-kunsilliera Cassar Sultana kienet irċievet talba mill-għaqda kulturali wirt Naxxari biex jagħmlu viżta fil-postijiet ta' nteress li għandna fir-raħal ta' Sannat fit-28 ta' Mejju. Il-kunsilliera Cassar Sultana qed tissuġerixxi li l-kunsill jipprepara taħdita fuq ir-raħal lil dawn in-nies permezz tas-sur Ġorg Azzopardi u anki jkollhom kafé fil-pjazza tax-Xelina. Is-sindku qal, li waqt li jaqbel ma' dawn l-inizzjattiva, l-kunsill ma jistax jidħol fi spejjeż addizzjonali.

9.6.22 Il-kunsill irċieva ċirkulari fuq possibiltà ta' fondi mil-Gvern Ċentrali fuq manutenzjoni ta' proġetti maġġuri li saru mil-gvern ċentrali. Is-sindku semma l-pjazza ta' Ta' Ċenċ, fejn jista' jsir *bus shelter*, bankijiet u aktar pjanti. Il-kunsilliera Cassar Sultana, semmiet Mġarr ix-Xini bil-possibiltà li jkun hemm aktar *upgrading*. Is-sindku qal li l-kunsill għamel tmien (8) bankijiet ġodda u anki mwejjed. Il-kunsilliera Cassar Sultana qalet jistax ikun hemm *portable toilets* is-sena kollha. Is-sindku qal li fl-ebda bajja ma jkun hemm *portable toilets* s-sena kollha.

9.6.23 SPI/SCI/07/2025 hija ċirkulari marbuta ma' kommunitajiet aktar b'saħħithom, u hemm lista ta' opportunitajiet li l-kunsill jista' jibbenifika. Il-kunsilliera approvaw li għandhom jaraw dawn l-opportunitajiet b'possibiltà ta' fondi.

9.6.24 L-ufficjali tal kunsill bagħtu l-kommunikazzjoni lill-kunsilliera fuq il-linji gwida tal-kunsilli, bis-sindku jħeġġeġ lill-kunsilliera biex jaqraw dan id-dokument biex fil-laqgħa li jmiss jiddiskutu flimkien dawn il-linji gwida.

9.6.25 Il-kunsill qed jirċievi ħafna lmenti fuq il-parti t'isfel ta' Triq il-Kbira. Hemm ukoll każijiet, li qed jiġu *blacked out double yellow lines*, fejn qed jirriżulta li residenti qed isibu problema biex idaħħlu u joħorġu il-vetturi tagħhom. Uffiċċjali tal-LESA marru biex jagħtu ċitazzjonijiet, pero' dawn il-kontravenzjonijiet ma setghux joħorġu minħabba li linji ġew miżbuha. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li l-kunsill qed jistenna l-perita tat-transport Malta biex tkun Għawdex u jkunu jistgħu jiddiskutu, u s-sindku rega qal li wasal iż-żmien li jsir *Traffic Management Plan* għal din il-parti tat-triq.

9.6.26

Rigward l-i*Spring Fest*, proposta mill-kunsilliera Cassar Sultana, il-kunsill ma ġabx l-approvazzjoni tal-fondi rikjesti, għall-fatt li din l-attività hija simili għal dik li tiġi

organiżżata mill-Miniseru għal Għawdex fil-Villa Rundle, Rabat Għawdex. Il-Ministeru għalkemm ma għalaqx il-bibien kollha biex jingħataw fondi, stieden il-kunsill biex jekk ikunu jridu jistgħu ikunu parteċipi fl-attività tal-Villa Rundle. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li l-istess kunsilliera Cassar Sultana għamlet xi arranġament verbali fuq xi *props* tar-rebbiegħa li jistgħu ikunu eżebiti fil-pjazza tar-raħal għal dan iż-żminijiet. Is-sindku qal li jaqbel ma' din l-inizzjattiva, però hemm problema ta' fejn jistgħu jinżammu dawn il-*props* xħin jiżżarmaw minn fuq il-post.Il-kunsilliera Cassar Sultana semmiet forsi jinżammu fil-garaxx ta' l-armar, pero l-kunsillier Bajada u s-sindku qalu li l-għaqda ta' l-armar mgħandhomx post fejn ikunu jistew jinżammu. Il-kunsilliera Cassar Sultana ser terġa titkellem mal-persuni konċernati.

9.6.27

Rigward is-siġra l-kbira, is-sindku saħaq, li l-kunsill għamel u qed jagħmel dak kollu li seta' u jista biex isalva din is-siġra. Mhux veru li matul ix-xogħlijiet li saru waqt ir-riġenerazzjoni tal-pjazza nqatgħu xi għeruq ta' din is-siġra, kif kien irrapurtat min xi ħadd fuq il-mezzi soċjali. Fil-fatt l-*excavation* sar fis-sena 2022, u lura fis-sena 2017 din is-siġra ngħatat trattament u anki saret konka bil-ħamrija u bdiet tissaqqa. Is-sindku kompla li kontra qalbu qed jesprimi dan is-sentiment imma fil-verità mhux kollox hu *ad eternuim* u qed jistennew ċ-ċertifikazzjoni mingħand il-botanista. Is-sindku staqsa lill-kunsillieri jaqblux li titħawwel siġra oħra minflok dik preżenti jekk tkun ċertifikata mejta. Il-kunsilliera Cassar Sultana mhiex ta' l-opinjoni li din is-siġra tinqala' għax fl-opinjoni taghha hija parti mill-istorja tar-raħal. Però, l-kunsilliera saħħqu li din għandha tinqala' għax inkella tkun ta' periklu. Is-segretarja eżekuttiva semmiet ukoll dik is-siġra li nqagħlet bi żball u reġgħet tħawwlet minn naħa tal-kuntrattur, liema siġra qed jistennew jekk hiex se terġa tieħu r-ruħ u se jagħtu xahrejn ċans. Jekk is-siġra ma tirpiljax, l-kuntrattur għandu l-obbligu li jbiddel din is-siġra msemmija.

9.6.28

Is-segretarja eżekuttiva qalet, li qed isiru diversi attivitajiet f'Malta minn dipartimenti differenti ghalk interess tal membri tal Kunsill bhal ma jistghu jaraw il-kunsilliera mill emails li jintbaghtu.

9.6.29

L-awtorità ta' l-ippjanar ħarġet *legal notice* fejn b'dan l-att ġew estiżi validita' ta' permessi li ħarġu bejn Jannar 2023 u Novembru 2023, kif ukoll dawk li kienu se jagħlqu f'Jannar 2025 li ġew estiżi sa' Jannar 2028. Il-segretarja eżekuttiva ssuġġeriet li jkellmu lill-perit tal-kunsill, biex jara jekk hemmx bzonn li l-kunsill jagħmilx xi oġġezzjoni. Il-kunsilliera qablu li għandhom jagħmlu *forward* ta' din l-komunikazzjoni.

9.6.30

Ir-reġjun t'Għawdex permezz ta' *Region of Culture 2025*, qed jistiednu kunsilli permezz ta'għotja ta' ħamest t'elef ewro (€5000) biex jagħmlu *event* ġdida jew isaħħu xi *event* li jorganiżża l-kunsill. Is-sindku qal, li waqt laqgħa mas-sinjura Noemi, qed jipproponi li jagħmlu xi ħaġa ġdida fil-*wine festival*. Hu qed jissuġerixxi, li r-rebbieħ tas-sena l-oħra tal-*wine festival*, jagħti taħdita kif jagħmel dan l-inbid u anki jkun hemm inbid minn tiegħu waqt dan il-*wine festival*. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li huwa mportanti li l-inbid ikun b'xi mod iċċertifikat ħalli ma jkunx hemm *issues* minħabba xi allerġiji. Il-kunsillieri qablu li għandhom

japplikaw għal dawn il-fondi biex jintużaw għal din l-attività. Is-sindku qal, li s'għada jridu jippreparaw *brief proposal* fuq din il-proposta u jintbagħat lir-reġjun.

9.6.31 L-għaqda żgħażagħ Palmisti qed jippjanaw biex jagħmlu *clean-up day* u talbu l-għajnuna minn naħa tal-kunsill. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li huwa mportanti li inizzjattivi bħal dawn l-kunsill ikun notifikat xahrejn qabel, biex ikun u jistgħu jagħtu l-għajnuna u jsiru l-arranġamenti meħtieġa fosthom li t-trakk biex ikunu jistgħu jiġbru l-boroż.

9.6.32 Il-segretarja eżekuttiva kkonfermat mal-kunsilliera fuq it-toroq ġodda li saru bl-asfaltar biex isiru r-*road markings*. Dawn huma,Triq Xamgħan, Triq Paranji, Triq Dun Luqa, Triq it-Tempju ta' L-Imramma u Triq Lazzru Camilleri. Is-sindku qal li mportanti li peress li Triq Paranji u Triq Dun Lazzru Camilleri ġew estiżi, iridu naġġarnaw l-applikazzjoni l-ismijiet tat-toroq.

9.6.33 Ir-renewal tal-permess marbut mal-pumping station ġie mħallas, kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti.

9.6.34 Il-kunsill qed jirċievi lmenti u anki saħansitra PQs rigward is-sinjali fil-pjazza Santa Margerita, speċjalment iż-żebgħa taż-*zebra crossing*. Is-sindku qal li l-ħaddiema lesti nfurmati biex jinżebħu, imma mgħandhomx risposta jekk biż-żebgħa jkunux jiżolqu jew le. Il-kunsilliera qalu li għandhom jippruvaw jiżbħu iż-zebra crossing ta' fejn il-kappella ż-żgħira. Is-segretarja eżekuttiva qalet li huwa mportanti li jkollhom bil-miktub.

9.6.35 Is-sindku ġie nvitat għal- Jum iċ-Celebrazzjoni ta' l-iskola ta' Sannat li ser isir fid-9 ta' Mejju.

9.6.36 Il-kunsill irċieva PQs fuq it-toroq li qed isir ix-xogħol fuqhom u l-proċess ta' tendering fuqhom. Is-segretarja eżekuttiva qalet li qed jirċievu PQs fuq l-affarjiet kollha li qed isiru fir-raħal.

9.6.37 Intbagħtet komunikazzjoni mil-kommunita' tal-patrijiet tar-Rabat ta' Malta li qed jinfurmaw li qed jiftħu l-kjostru għal min irid imur jinviżta.

9.6.38 Is-segretarja eżekuttiva qalet li qed jirċievu lmenti rigward nuqqas ta' permessi neċessarji marbuta ma' krejns u lifters mingħand il-kunsill. Il-kunsill qed jibgħat lill-*community police*, però dan mhux dejjem ikun xogħol u għalhekk il-kunsill qed iċemplu lill-pulizija tat-traffic, però dawn ma jkunux konxji tal-permessi li hemm bżonn. Is-segretarja eżekuttiva ċemplet u ġabet il-lista ta' permessi li hemm bżonn u stiednet lill-pulizija biex tinfurmah b'din il-lista. Din il-lista hija effettiva għall-kunsilli kollha, u s-segretarja eżekuttiva talbet li fejn jaraw jew jiġu f'dubju jekk hemm bżonn jew hemmx il-permessi neċessarji, iċemplu il-kunsill biex jivverifikaw

jew ikellmu lis-sindku. Fuq il-paġna tal-*facebook*, il-kunsill dejjem itella l-permessi
9.6.39 u notifikazzjoni ta' dawn il-permessi biex jinfurmaw il-pubbliku.

Xi resident li joqogħdu fi Triq Xamgħan, ċemplu l-kunsill rigward wires tad-dawl li mdendlin mal-faċċata tar-residenza tagħhom. Apparentement mhemmx *culvert* kif ikkonfermat b'imejl mingħand l-korporazzjoni Enemalta. Issuġġerew li jmorru l-
9.6.40 *Arms Ltd* biex japplikaw hemmhekk.

Kien hemm *issue* marbuta ma' Triq il-Kbira, fejn ilment baqa' tiela s'għand id-direttur ġenerali tad-DLG. Dan l-ilment huwa marbut ma' kif il-kunsill ittratta l-ilment ta' din il-persuna partikulari u l-mod ta' kif saru l-laqgħat. Il-kunsill qed jistenna mingħand id-direttur kif ser jimxu fuq dan l-ilment, biex imbagħad bħala
9.6.41 kunsill ikunu jistew jirrispondu lil din il-persuna.

Is-sindku qal li l-kunsill tat-tfal qed jiltaqa' darba f'xahar u qed jiġu nies apposta minn Malta biex imexxu din il-laqgħa. Hemm parteċipazzjoni tajba minn naħa tat-
9.6.42 tfal (xi għaxra). Il-kunsillera jisgħu jiġu għal din il-laqgħa bħala osservaturi.

9.7 Il-permessi mitluba u dawk approvati mill PA qed jintbagħtu lill-kunsillieri.

## 9.7.1 Lmenti u suġġerimenti

Il-kunsill qed jirċievi ħafna lmenti rigward ħmieġ tal-klieb, speċjalment fi Triq Sannat u Triq 28 t'April. L-*animal steward* qed jiġi nfurmat biex jiċċekja ftit. Is-
9.7.2 sindku qal li l-aħjar mezz huwa li jitwaħħlu kameras tas-sigurtà biex ikun hemm evidenza bil-fatti.

Persuna talbet biex isir arblu bit-tabella fuqu tal-'Go Slow' fi Triq Paranji. Is-sindku
9.7.3 qal li din għanda titpinġa ma' l-art.

Persuna ilmenta fuq il-bankijiet u railing ta' Mġarr ix-Xini. Is-sindku qal, li min kien qed jagħmel ix-xogħol, li r-*railing* huwa lest, però staqsa jekk iwaħħlux jew le
9.7.4 minħabba li ser jkun hemm il-film.

Resident fi Triq Paranji lmenta li xħin sar l-asfaltar ta' din it-triq, tneħħiet ir-rampla li kellu biex ikollu aċċess għal-garaxx tiegħu u qed jitlob li jiġi rranġat l-aċċess biex ikun jista' jidħol u joħroġ il-vettura tiegħu. Is-segretarja eżekuttiva qaltlu jekk jistax jagħmel rampi temporanji ta' l-injam, pero' dan is-sinjur ma qabilx peress li huwa anzjan u ma jiflaħax joqgħod ipoġġi u jaqla' dawn ir-rampi. Is-sindku qal li se jara x'soluzzjoni jista' jkun hemm fosthom li jitpoġġa ftit *cold asphalt* f'dan il-każ u

9.7.5 għalhekk ser issir *site visit*. Is-sindku talab lis-segretarja eżekuttiva biex tikkuntatja li dan ir-resident biex ikun jista' jsir *site-visit*.

9.7.6 Il-kunsill għamel talba fuq is-sistema tal-Ministeru biex issir bankina ġdida fi Triq Gerxija.

9.7.7 Resident bagħat imejl li hemm kelb jinbaħ il-lejl kollhu, liema ħsejjes ġejjin minn Triq Xabbata jew Triq Marsilja jew Triq Paranji. Is-segretarja eżekuttiva stiednet lill-kunsillieri li jekk għandhom xi nformazzjoni jgħadduha ħalli jmur l-*animal steward* u jiċċekkja.

9.7.8 Kien hemm talba biex isir *Dog bin* fi Triq ta' Ċenċ. Liema talba ġiet approvat mill-kunsilliera.

9.7.9 Persuna rrapurtat li twaqqa' xi ċint fejn il-kamra li hemm qabel ma tinżel il-bajja ta' Mġarr ix-Xini, li qed jirriżulta f'periklu għal min ikun miexi jew isuq xi vettura. Il-kunsill se jagħmel talba permezz tas-sistema tal-Ministeru għal Għawdex.

9.7.10 Il-viċi Sindku semma talba li kien għamel f'xi laqgħa preċedenti biex isir 1m *double yellow line* fi Triq Seguna. Is-segretarja eżekuttiva qalet li ser tiċċekkja fuq din it-talba, u talbet lill-viċi sindku biex jibagħtilha r-ritratti. Is-segretarja eżekuttiva kompliet tirrimarka li minn Transport Malta mhux dejjem qed japprovaw talbiet ta' double yellow line quddiem garaxxijiet. Qed jissuġerixxu li sidien iwaħħlu mera doppja ġewwa l-garaxx tagħhom biex ikunu jistgħu joħorġu bil-vetturi b'mod aktar konvenjenti.

Il-kunsilliera Cassar Sultana li hemm persuna li qed titlob biex tkun estiża biex l-ilma tax-xita jkun jista' jidħol fl-għalqa tagħha wkoll. Is-sindku qal li ser jiċċekjaw jekk hux possibli.

## 9.8

9.8.1

### Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 2 /2025

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 2 /2025 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mis-sindku Vella. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-kunsilliera Cassar Sultana. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 9.9

9.9.1 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil- 20.24 u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal Ġimgħa 21 ta' Marzu fil-__11______am.

Konfermati, illum 24_____ta' _________Marzu_________ 2025

| | |
|---|---|
| Philip Vella | Marie Josette Vella Magro |
| Sindku | Agent Segretarja eżekuttiva |